

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva ΑΠΛΑ! – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 554 918

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Ottubru 2019 fil-Każ R 1035/2017-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tilqa' dan ir-rikors;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tilqa l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Nru 015554918/17.06.2016“ΑΠΛΑ! u rappreżentazzjoni” għall-prodotti u s-servizzi kollha fil-klassijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6, 8, 9, 14, 16, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 39, 43;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż skont l-Artikolu 190(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 67(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 207/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-konfront tal-applikanti kollha tal-UE.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2019 – Gustopharma Consumer Health vs EUIPO – Helixor Heilmittel (HELIX ELIXIR)

(Kawża T-883/19)

(2020/C 68/60)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Gustopharma Consumer Health, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: A. Gómez López, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Helixor Heilmittel GmbH (Rosenfeld, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni i tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea HELIX ELIXIR – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 035 991

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Ottubru 2019 fil-Każ R 100/2019-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tilqa' l-appell;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata; u/jew
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata minħabba l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) u tiddeċiedi li ma hemmx probabbiltà ta' konfużjoni bejn iż-żewġ trademarks inkwistjoni;
- tagħti deċiżjoni ġdida li tilqa' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 035 991 HELIX ELIXIR għall-oġġetti kollha li saret applikazzjoni għalihom; u
- tikkundanna lill-EUIPO (u lill-intervenjent, jekk jiddeċiedi li jintervjeni fil-proċeduri) għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Diċembru 2019 – Aquind et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-885/19)

(2020/C 68/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aquind Ltd (Wallsend, ir-Renju Unit), Aquind Energy Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu), Aquind SAS (Rouen, Franza)
(rappreżentanti: S. Goldberg, C. Davis, J. Bille, Solicitors, u E. White, lawyer)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-miżura kkontestata, jiġifieri r-Regolament Delegat sa fejn ineħħi lil AQUIND Interconnector mil-lista tal-Unjoni;
- sussidjarjament, tannulla r-Regolament Delegat fl-intier tiegħu; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri.